# Gradwati: 2022

**NR224/2023** **Data tal-Ħruġ:15 ta’ Diċembru 2023**

*Fl-2022, gradwati fil-livell terzjarju kienu jammontaw għal 5,472 – tnaqqis ta’ 2.2 fil-mija fuq is-sena ta’ qabel.*



Il-biċċa l-kbira tal-gradwati terzjarji kisbu kwalifika fil-livell ISCED 6 (Baċellerat jew ekwivalenti) (58.5 fil-mija). Warajhom, 33.1 fil-mija tal-gradwati terzjarji kollha kisbu kwalifika fil-livell ISCED 7 (Masters jew ekwivalenti) (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Gradwati terzjarji bis-sena u s-sess




Nota: Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.

Aktar minn nofs il-gradwati terzjarji (55.6 fil-mija) kienu nisa (Ċart nru 1, Tabella nru 1). In-nisa qabżu l-irġiel f’kull livell tal-edukazzjoni terzjarja ħlief fil-livell ISCED 8 (ekwivalenti għal PhD) (Ċart nru 2). Il-biċċa l-kbira tal-gradwati terzjarji kellhom bejn l-20 u d-29 sena (72.0 fil-mija) (Ċart nru 3, Tabelli nri 1 u 2).

## Ċart nru 2. It-taqsim perċentwali tal-gradwati terzjarji bil-livell tal-edukazzjoni u s-sess




Noti:

1. Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.
2. Għall-klassifikazzjonijiet tal-livelli tal-edukazzjoni (ISCED-2011), ara n-noti metodoloġiċi nru 5 u 9.

## Ċart nru 3. It-taqsim perċentwali tal-gradwati terzjarji bis-sess u l-grupp tal-età




Nota: Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.

Fl-2022, 74.4 fil-mija tal-gradwati kisbu kwalifika minn programm fuq bażi full-time (Tabella nru 3). Il-gradwati barranin laħqu l-1,359, li jiġu daqs 24.8 fil-mija tal-gradwati kollha fil-livell terzjarju, u b’hekk żdiedu b’10.6 punti perċentwali fuq is-sena ta’ qabel (Tabella nru 4). Iċ-ċittadini tal-UE (minbarra l-Maltin) kienu jirrappreżentaw l-akbar proporzjon tal-gradwati terzjarji barranin kollha (57.8 fil-mija) (Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. Gradwati terzjarji barranin bis-sena u ċ-ċittadinanza




Nota: Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.

Il-qasam ta’ studju tan-‘Negozju, amministrazzjoni u liġi’ kien l-aktar wieħed popolari fost il-gradwati terzjarji fl-2022, fejn gradwati f’dan il-qasam kienu jkopru aktar minn terz tal-gradwati kollha (34.6 fil-mija). Warajhom kien hemm il-gradwati fis-‘Saħħa u l-benesseri’ bi 19.6 fil-mija. L-‘Agrikoltura, forestrija, sajd u veterinija’ kien il-qasam ta’ studju bl-inqas għadd ta’ gradwati terzjarji, li ammontaw għal 0.3 fil-mija (Tabella nru 5, Ċart nru 5).

## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-gradwati terzjarji bil-qasam ta’ studju




Noti:

1. Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.
2. Għall-klassifikazzjonijiet tal-livelli tal-edukazzjoni (ISCED-2011) u l-oqsma ta’ studju (ISCED-F 2013), ara n-noti metodoloġiċi nru 5 u 9.
3. Il-persentaġġi jistgħu ma jgħoddux għall-mija fil-mija minħabba l-arrotondament.

Fl-2022, 15.4 fil-mija tal-gradwati kisbu kwalifika fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, u l-matematika (STEM). Minn dawn, 597 kienu rġiel filwaqt li 247 kienu nisa. Il-gradwati nisa f’dan il-qasam żdiedu bi 2.9 fil-mija fuq is-sena ta’ qabel, filwaqt li l-gradwati rġiel naqsu b’1.8 fil-mija (Ċart nru 6).

## Ċart nru 6. L-għadd ta’ gradwati terzjarji fis-STEM bis-sena u s-sess




Notes:

1. Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.
2. Għall-klassifikazzjonijiet tal-livelli tal-edukazzjoni (ISCED-2011) u l-oqsma ta’ studju (ISCED-F 2013), ara n-noti metodoloġiċi nru 5 u 9.
3. Ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, u l-matematika (STEM) huma magħmulin mill-oqsma tal-ISCED-F 2013 tax-xjenzi naturali, l-matematika, u l-istatistika (qasam 05), it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (qasam 06), u l-inġinerija, il-manifattura, u l-kostruzzjoni (qasam 07).